FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

18 ta' Frar 2015

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tnejn u Erbgħin (42) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjaħ it-Tnejn u Erbgħin (42) Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2015 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Estimi Finanzjarji 2015
10. Pjan ta Hidma 2015 – 2017
11. Asfaltar
12. Dwal tal-Gonna Sir Luigi Preziosi u Vilhena
13. Progett Binja Vilhena
14. Vettura ghall-Kunsill Lokali
15. Financial Statement 2014
16. Kuntratt ta' separazzjoni tal-iskart
17. Fanali Ornamentali fi Triq l-Iljun
18. Dwal ta Gnien il-Mall
19. Bankini Balzunetta
20. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tnejn u Erbghin (42) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores assistit mill-iskrivana Emmanie Borg Bonaci.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 2.3.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Mikaela Farrugia attendiet wara materja nru 2.3.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u erbghin (41) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.2 (41) u saqsa jekk is-Sindku kienx tkellem mal-Avukat. Is-Sindku qal li kien kellem lil Dr Martin Fenech li min-naha tieghu informah li ma kellux oggezzjonni li l-kawza jibdiha l-avukat Dr Joseph Zammit ladarba ma kienu ghadhom inbdew l-ebda proceduri. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien informa lil Dr Zammit bl-ezitu u li ghandu jiltaqa' mieghu dik il-gimgha stess.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.6 (41) u qal li kien qed jistenna risposta minghand il-Perit sabiex jiltaqghu dwar il-bankina li hemm faccata tal-Grand Hotel Excelsior.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.3 (41) u qal li kien jinsab iddispjacut li fl-ebda mill-avvizi li kien hemm tal-kuncert ta' Fra Alessandro ma kien gie msemmi l-Kunsill minkejja li l-kuncert kien gie organizzat b'mod kongunt. Is-Sindku qal li fuq il-poster kien jissemma l-Kunsill minkejja li kien jippreferi li kieku l-poster inhareg bhalma jsir issoltu fejn ikun accentwat l-involviment tal-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent Borg talab li tingibed l-attenzjoni ta' min kien involut sabiex jigi evitat li din il-problema terga' tirrepeti ruhha.

**Nota: 17:33 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**
**17:33 L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Mikaela Farrugia attendiet ghal-laqgha.**

**Is-Sindku introduca lill-Ambaxxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh u filwaqt li laqaghha mal-mejda, talabha biex jekk tkun tixtieq, tinvolvi ruhha fid-diskussjonijiet.**

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (41) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li minkejja li kien talab laqgha mal-Agenzija Apogg, kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.10 (41) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku qal li l-laqgha ma' tas-CVA kienet saret u li s-Segretarju Ezekuttiv kien bat il-proposti lill-kunsillieri.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.3 (41) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika kif ser jigu l-kontenituri. Is-Sindku wiegeb li hu kien gab il-qisien taghhom u ghandu jigi diskuss fejn ser jitpoggew. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata cans sa tliet ijiem biex il-kunsillieri jkunu jistghu iressqu s-suggerimenti taghhom.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 7.6 (41) u saqsa jekk is-sistema ta' guard & patrol kinietx bdiet tigi implimentata. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-sistema ghadha ma gietx installata izda ghandha tigi installata fil-jiem li gejjin.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 11.1.2 (41) u saqsa jekk l-istilla kinietx qeghda fuq l-inventarju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ikkonferma u din hija parti mill-inventarju. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li qed idur l-inventarju u li ser iressaq talba sabiex xi affarijiet mill-inventarju jigu scrapped.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li s-Sur Jermain Brincat sabiex ikun membru tal-Kumitat Organizzattiv ta' St Patrick's Day. Il-Kunsill approva. Huwa nforma wkoll li s-Sur Stephen Azzopardi ma kienx ser jibqa' membru tal-istess kumitat fuq decizjoni tieghu stess minhabba ragunijiet personali.

3.2 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-kuntratt tat-tindif u qal li jhoss li l-kuntrattur ma kienx qed jonora l-obbligi tieghu. Huwa semma d-decizjoni mittiehda mill-Kunsill sabiex l-impjegati tal-kuntrattur jigu jiffirmaw fl-ufficcju u qal li wara ezercizzju li sar, irrizulta li l-haddiema ma kienux qed jigu jiffirmaw kollha fil-hinijiet li jibdew u jispiccaw. Huwa qal li jekk dawn ma jigux jiffirmaw, allura dan ifisser li m'humiex qed ikunu fil-lokalita'. Is-Sindku qal li jhoss li dan kien ksur serju tal-ftehim u ghalhekk ippropona li tinhareg default notice. Il-Kunsill qabel.

3.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza minghand Dun Gwann Farrugia fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra li jaghtih permess specjali taht l-iskema ta' parkegg residenzjali minhabba li hu jqatta' hafna hin mill-gurnata tieghu fil-parrocca. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jhossx li dan il-kaz kellu jitressaq quddiem il-Kunsill ladarba kien hemm bord apposta li jitratta dawn ir-rikjesti. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza ghandha tigi riferuta lill-Bord tal-Verifika.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-ittra tar-rizenja tal-impjegata Patricia Borg u qal li l-kummenti f'din l-ittra kienu ta' min jixtarrhom. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thoss li l-Kunsill kien tilef impjegat tajjeb u efficjenti. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill setax jaghmel xi haga sabiex l-impjegata terga' tirrikunsidra. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma setax jaggusta l-hinijiet minhabba li dawn iridu ikunu jaqblu mal-Hinijiet tal-customer care tal-Ufficju Amministrattiv. Is-Sindku qal li hafna mill-kummenti kienu kritici u ma kienux edifikanti ghall-Kunsill u rega' tenna li tajjeb li l-Kunsillieri jixtarru l-kontenut tal-ittra. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jibda l-process sabiex jimpjega lil xi hadd iehor. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li jkun hemm perjodu ta' *handover*.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kumitat tas-Socjeta Filarmonika Vilhena ghal-reklamar fil-Ktieb tal-Festa. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jitlob li l-ittra terga' tintbaghat bil-wording it-tajjeb ghar-rekords tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll mal-offerta, bil-hlas ikun bhal tas-sena l-ohra,

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq Circulari mibghauta Mid-Dipartiment tal_Gvern Lokali, li hija mahruga mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar il-prekarjat u r-rati li ghandhom jithallsu bihom l-impjegati tat-tindif. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill ma kienx konformi ma' din il-memo u ghalhekk ser ikollu isib alternattivi ohra sabiex il-Kunsill jigi konformi.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tispjega x'intqal fil-laqgha dwar il-korsijiet ghall-computer. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li kienet saret laqgha ma' kumpanija li toffri dawn il-korsijiet fejn offrew rati sabiex jaghtu korsijiet fid-Dar tal-Kunsill fuq l-equipment taghhom stess. Hija qalet li din l-offerta' kienet iktar vantaggjuza minn offerti precedenti (€85 kull student) u ghalhekk issuggeriet li jekk il-Kunsill jaqbel, tinhareg sejha ghall-applikanti nteressati japplikaw ghall-korsijiet ghall-adulti. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' sa massimu ta' hdax-il applikant minhabba restrizzjonijiet finanzjarji tal-ligi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom isiru posters u r-riklami relevanti.

3.8 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-keep clear li hemm ~~quddiem~~ ma genb il-knisja fi Triq San Publju u qal li jinnota li ta' kuljum ikollu jkellem lill-gwardjani lokali biex ma jithallux karozzi jipparkjaw fuqha. Huwa ppropona li ssir tabella li turi li l-ispazju ghandu jithallas liberu matul il-hinijiet tal-ftuh tal-Knisja. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.9 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat minn residenti dwar il-parkegg ta' wara l-Kurja fejn informawh li qed ikun hemm abbuz ta' ipparkjar u r-residenti mhux qed ikunu jistghu johorgu l-vetturi taghhom ghax qed ikunu imsakkra minn vetturi ohra.

3.9.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li jsiru barriers li jissakkru u li c-cwievet taghhom jinghataw biss lir-residenti.

3.9.2 Huwa qal li tista' wkoll issir tabella jew double yellow line. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jekk isiru double yellow lines, ma jkunux jistghu jipparkjaw lanqas ir-residenti.

3.9.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni li jista' jinholoq precedent jekk isiru l-barriers li jissakru.

3.9.4 Is-Sindku ssuggerixxa li ssir tabella li tghid li min jaghlaq l-access ser jigi mharrek.

3.9.5 Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandhom isiru biss double yellow lines.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Carina Dimech f'isem l-MTA fejn talbet permess sabiex terga' tigi organizzata edizzjoni ohra tal-kuncert Isle of MTV. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u ghandha ssir laqgha maghha kif mitlub minnha stess.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-korrispondenza minghand id-direttur tad-dwana fejn informaw lill-Kunsill bit-tqassim tal-bolol tad-Dazja ghal-flixken tal-inbid li ser isir mid-Dar tal-Kunsill.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq memo minghand id-DLG fejn fakakr lill-Kunsill bil-bzonn tal-Kumitat ghall-Finanzi. Dan ghandu jkun iffurmat mis-Sindku, mis-Segretarju Ezekuttiv, mill-accountant tal-Kunsill u minn kunsillier iehor. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-kunsillier li ser jifforma parti minn dan il-kumitat ghandu jkun il-Kunsillier Vincent Borg.

3.13 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-kwistjoni pendenti li hemm li tikkoncerna lill-Agius Printing Press. Huwa nforma lill-Kunsill li hu kien talab lis-sezzjoni tad-drenagg biex jaghmlu inspection bis-CCTV fil-'culvert' li hemm fi Triq Sant'Anna li jigi f'livell oghla mill-istamperija li qeghda that il-livell tat-triq izda dawn kienu rrifjutaw. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi qal li ghalhekk talab lil Transport Malta sabiex jiehdu hsieb li jaghmlu inspection tal-culvert, li ikkonfermaw li ser jiehdu azzjoni. Huwa nforma lill-Kunsill bir-rakkomandazzjoni tal-Perit fejn qal li issa ghandha tkun il-kumpanija li tara minn fejn gejja l-problema. Is-Sindku qal li s-sid ta' Agius Printing Press kien informa lill-Kunsill b'mod verbali li ma kienx jaqbel mal-verdett tal-perit. Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna l-ezitu tal-inspection minn Transport Malta.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-sena li ghaddiet kien kiteb ittra lill-Ministru Joe Mizzi dwar il-problema tal-ilma li jidhol fis-subways mis-central strips. Huwa qal li Transport Malta kienu nformawh li biex din il-problema titranga, jkun hemm bzonn li tinqala' t-triq kollha. Huwa qal li ma jistax jifhem kif kienu waslu ghal din il-konkluzjoni ladarba jidher car li l-problema gejja minn nofs it-triq.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq cirkolari dwar il-Group Health Insurance policy u saqsa min mill-kunsillieri xtaq jissieheb ma' din il-polza. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu xtaq li japplika ghall-polza. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu japplika ghall-polza ghall-Kunsillier Vincent Borg u ghall-impjegati tal-Kunsill.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-ktejjeb Hidmet il-Kunsill li ser jinhareg u lmenta li l-saqsa jekk kienx hemm qafas prospettiv u l-menta li l-kunsillieri intalbu jaghmlu l-messagg taghhom minghajr ma jafu x'ser ikun fih il-ktejjeb.

4.1.1 Is-Sindku wiegeb li l-messagg mitlub lill-Kunsillieri dejjem sar u kien l-ewwel pass u qal ukoll li minkejja dak li kien qed jintqal, kull ma jkun ippubblikat jigi ccirkolat lill-kunsillieri kollha minn qabel sabiex jigi approvat l-abbozz shieh tal-ktejjeb

4.1.2 Huwa qal li ma jhossx li kien gust li xi hadd irrimarka li dan isir ghall-propaganda personali ladarba l-kontenut kollu irid jigi approvat mill-kunsillieri kollha kif sar dejjem

4.1.3 Huwa qal ukoll li jekk il-kunsillieri ma jhossux li ghandu jsir messagg, kellhom kull dritt li jiddeciedu li ma jsirx.

4.1.4 Is-Sindku qal li hu kien qed jerfa' hafna mill-piz ta' dan il-Kunsill filwaqt li haddiehor ghaddej bil-kampanja elettorali u anke qed ikompli jorganizza l-attivitajiet li l-Kunsill. Kompla li m'hemmx bzonn il-ktejjeb imsemmi biex jaghmel propagandau ghalhekk kien facli ghalih li jaghmel propaganda personali u seta' jikkoncentra fuq flyers persoanli tieghu ghal dan il-ghan, jekk il-kunsill ma jridx li jigi ppublikat il-ktejjeb.

4.1.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm ma tafx ghal xiex qed jirreferi s-Sindku, hi temmen li l-kontenut kollu kellu jigi approvat u li l-pubblikazzjoni tinhareg bil-kundizzjoni li din titqassam kmieni u mhux tkun ghadha qed titqassam lejliet l-elezzjoni bhalma gieli sar.

4.1.6 Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm xi kunsillier li xtaq jiehu il-pubblikazzjoni f'idejh. Huwa qal li din kien qed jiehu hsiebha hu flimkien ma xebgha xoghol iehor tal-Kunsill waqt li haddiehor kien qed isib cans jaghmel il-kampanja elettorali minkejja li ghall-Kunsill qatt ma kellhom wisq hin.

4.1.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm istanza fejn is-Sindku ma kienx prezenti ghall-attivita tal-Kunsill. Huwa qal li minkejja li l-attivitajiet kienu jaqghu f'idejn is-Sindku, fl-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena ma kienx gie.

4.1.8 Is-Sindku qal li dan mhux minnu tant hu hekk li kien irringrazzja lill-vici Sindku dak il-hin stess talli kien ha l-edizzjoni ta dik is-sena f'idejh.

4.1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kumment tas-Sindku ma setax ikun dirett lejha minhabba li d-dekasteri kollha li ghandha dejjem hadet hsiebhom hi.

4.1.10 Is-Sindku qal li jekk il-kunsillieri ma jridux jaghmlu l-pubbblikazzjoni, allura iressqu rizoluzzjoni specjali fil-laqgha li gejja sabiex dan ma jsirx. Is-Sindku qal li din ma kienetx l-ewwel haga li kienet ser titnehha minn din il-legislatura ladarba kienet anke ttiehdet decizjoni biex l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena ma ssirx.

4.1.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kull haga li tnehhiet, tnehhiet ghall-ahjar tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

4.1.12 Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet tjiebet minkejja li kien hemm nefqiet, inkluz dik tal-attivita ta lejnlet L-Ewwel tas-Sena tal-2013. Huwa qal ukoll li l-propaganda personali tieghu jaghmilha bil-hidma tieghu u ma jarax li kien hemm il-bzonn tal-pubbblikazzjoni tal-Kunsill ghal dan.

4.1.13 Finalment il-Vici Sindku Matthew Paris ha l-inkarigu li jhejji abbozz ta' dan il-ktejjeb biex imbaghad jghaddi ghal ghand il-Kunsill ghall-approvazzjoni.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku ressaq suggeriment minghand is-sottokumitat tal-Harsien tal-Ambjent u Indafa Pubblika sabiex jigu ddedikati zoni apposta ghall-klieb. Il-Kunsill qabel li ghandu jahseb f'zoni apposta.

5.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li Gnien Sir Luigi Preziosi kien mitfi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ghada kellu jigi l-electrician sabiex jevalwa s-sitwazzjoni.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill id-draft tat-tender ghall-barriers fil-Festival tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill approva u qabel li din is-sejha ghandha tohrog mill-aktar fis possibli.

6.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija biex jara jekk il-Pulizija jipprovdux barriers sabiex tonqos l-ispiza. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li jridu jinhargu sejhiet ghall-offerti ghas-sound u dawl ghall-Festival tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u saqsa jekk dawn iz-zewg sejhiet ghandhomx jinhargu b'mod separat b'ordni diretta jew jekk jghaqqadhomx f'sejha wahda. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog kwotazzjoni.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill id-draft tat-tender ghaz-zamma tas-soft areas. Huwa spjega kif dan it-tender kien ser jaghti iktar importanza fuq il-Green Public Procurement. Il-Kunsill approva u qabel li din is-sejha ghandha tohrog mill-aktar fis possibli.

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport dwar il-gemellaggi. Il-Kunsill approva unanimament wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg.

**Nota: 18:30 L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh talbet li tkun skuzata.**

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 101-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12478 sa 12585 11540, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gab kwotazzjonijiet ghat-tibdil fil-locality maps. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu sabiex jaghmel tnejn wahda bl-adjustment biss u l-ohra mdawwra kif mitlub.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghar-rakommandazzjoni li jinxtara printer ghall-kamra tal-kunsillieri u qal li sakemm ser tittiehed decizjoni finali, qed ikun hemm kambjamenti fil-prezzijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri printer, liema somma ma teccediex il-prezz ta' €300.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

**Nota: 18:35 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tigi sospiza sabiex il-Kunsill ikun jista' jilqa' lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja mal-mejda.**

**18:50 Il-laqgha tkompliet.**

**18:50 Il-Kunsill qabel li materja nru 15.0 Financial Statement 2014 ghandha tigi diskussa wara materja nru 10.0.**

## 9.0 Estimi Finanzjarji 2015

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi rringrazzja lill-accountant Paul Bugeja kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv tax-xoghol taghhom.

9.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2015 u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, VB, DSH, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Pjan ta Hidma 2015 – 2017

10.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi talab lill-Kunsill jekk japprovax il-Pjan ta' Hidma 2015 – 2017 hekk kif ipprezentat.

10.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal- Pjan ta' Hidma 2015 – 2017 u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 15.0 Financial Statement 2014

15.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Financial Statement 2014.

15.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni tal-Financial Statement 2014 u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, VB, DSH, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:53 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 11.0 Asfaltar

11.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah il-materja billi qal li hu kien tkellem mal-Perit dwar possibilta' ta' tarmac li jkollu iktar *grip* fi Triq il-Fosos. Huwa qal li dan it-tarmac jigi jiswa lill-Kunsill bejn wiwhed u iehor €20 p/ square metre.

11.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm bzonn li tinhareg sejha ghal dan ix-xoghol.

11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kienx hemm bzonn li tinhareg sejha minhabba l-Kunsill kien diga qieghed f'kuntratt ma' Road Servicing Ltd. li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol.

## 12.0 Dwal tal-Gonna Sir Luigi Preziosi u Vilhena

12.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-problema tad-dwal fi Gnien Sir Luigi Preziosi u fi Gnien Vilhena. Huwa qal li din il-problema issa kienet ilha ghaddejja xhur twal.

12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien talab is-servizz ta' Sario Saliba Installations sabiex jipprova jsib soluzzjoni.

## 13.0 Progett Binja Vilhena

13.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien mar fuq il-post sabiex jevalwa s-sitwazzjoni. Huwa kompla billi qal li l-idea kienet li jibdew il-bankini u l-progett tal-Polversta.

13.2 Il-Vici Sindku Paris qal ukoll li kien tkellem mal-Perit li tah l-informazzjoni kollha li kellu bzonn sabiex il-kuntrattur ikun jista' jibda'.

## 14.0 Vettura ghall-Kunsill Lokali

14.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jiftah il-materja.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din il-materja kienet qamet kemm-il darba izda minkejja dan il-Kunsill qatt ma kien wasal sabiex jixtri vettura ghall-haddiema tal-Kunsill.

14.3 Huwa qal li ma kienx gust ghall-haddiema manwali li jkollhom imorru distanzi twal bil-mixi u jgorru l-materjal fuq karru.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li s-Sur Julian Holland, Segretarju tas-Sottokumitat ghall-Ambjent u Indafa Pubblika kien tkellem ma' kumpanija dwar sponsorship ghall-vettura u talab cans sal-ahhar tal-gimgha sabiex jara jekk kienux ghadhom interessati.

## 15.0 Financial Statement 2014

15.1 Din il-materja giet diskussa wara materja nru 10.0.

## 16.0 Kuntratt ta' separazzjoni tal-iskart

16.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill igedded il-kuntratt tas-separazzjoni tal-iskart. Huwa qal li kien hemm zewg kumpaniji, GreenMT u GreenPAK, li ressqu l-offerti taghhom u ghalhekk il-Kunsill irid jiddeciedi ma' liem kumpanija jixtieq li jiffirma l-kuntratt.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li z-zewg offerti kienu simili hafna.

16.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jistaqsi lill-kumpanija prezenti jekk kienux ser jaghtu l-€1000 lill-Kunsill mal-Firma tal-Kuntratt u ghall-attivitajiet ambjentali.

16.4 Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li ghandu jiehu decizjoni finali wara li jkun ra t-twegiba.

## 17.0 Fanali Ornamentali fi Triq l-Iljun

17.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghal fanali ornamentali fi Triq l-Iljun u ppropona li tingieb kwotazzjoni ghal 2 fanali ornamentali.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-fanali ornamentali kienu jiswew ammont konsiderevoli ta flus u ghalhekk il-Kunsill kellu jaghmilom meta jkollu il-fondi ghalihom.

17.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-kuntrattur li jwahhalhom ikunx jista' juza l-istess wiring minhabba li l-wiring prezenti huwa kemmxejn antik.

17.4 Is-Sindku semma wkoll il-fanal ornamentali li hemm fil-bitha ta' Blokk 2, fil-Qasam tad-

Djar tal-Kapuccini u saqsa jekk dan jistax jinqala'  u jsir fanal ornamentali gdid minfloku.

17.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill ma kienx jaffordja li johrog dawn il-flus bhalissa specjalment ladarba ghadu jrid jithallas il-progett tal-Housing fejn Binja Vilhena

17.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-fanal ornamentali jinqala' ghalissa u minfloku jitpoggew planters.

17.7 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li l-fanali ornamentali ma jkunux wrought iron. Huwa qal li apparti li jigu irhas, xorta wahda jigu sbieh.

17.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm xi fanali ohra mitfijin, wiehed minnhom dak ta' hdejn in-nicca tal-Madonna. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghandha titkellem man-Nexos sabiex dawn jitrangaw.

17.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jigi migjub il-prezzijiet sabiex jikkunsidra.

## 18.0 Dwal ta Gnien il-Mall

18.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghad-dwal ta' Gnien il-Mall.

18.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ahhar decizjoni kienet li s-Sindku kellu jikteb lill-Prim Ministru dwar din is-sitwazzjoni.

18.3 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Borg sabiex isegwi din il-materja mal-ufficcju tal-Prim Ministru.

## 19.0 Bankini f'Balzunetta

19.1 Il-Vici Sindku fetah il-materja billi qal li l-bankini f'Balzunetta kienu qed jitkomplew. Huwa qal li ghandu jitkellem ukoll mas-Sur Dion Galea dwar xi gebel li hemm.

19.2 Is-Sindku ghamel riferenza ghal xi spralli li qeghdin ta' periklu. Huwa qal li hu jibqa' jinsisti li l-Kunsill m'ghandux ibiddel spralli ta' proprjetajiet privati jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi.

19.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kuntrattur kien ser jara liem spralli jista' jsalva permezz ta' twahhil ta' frame jew alternattivi ohra.

19.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Perit tal-Kunsill kien qal li ma kienx ser jiehu responsabbilta' tal-ispralli li hemm minhabba li kienu perikoluzi.

19.5 Is-Sindku qal li hu jemmen li jekk sprall huwa perikoluz ghandu jiehu hsieb ibiddlu sidu u mhux il-Kunsill dment li ma tkunx saritlu hsara invetiabbli minhabba xogholijiet li qed iwettaq l-istess Kunsill/ Is-Sindku kompla li f'dan il-kaz ghnadu jkun il-Perit tal-Kunsill li jiehu decizjoni dwar liema spralli ghandhom isiru a spejjez tal-Kunsill

## 20.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

20.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar din il-materja.

20.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet tkellmet mas-Sur Amaira mis-

Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, hekk kif suggeriet mis-Sindku u nformat li kienet għadha qed tistenna risposta dwar din il-materja.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2015 fil-5.30pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-19.30.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Eżekuttiv